# MOZZJONI

Numru: 6842/24/9.

**Sabiex jigu approvati l-minuti tal-laqgha 02/2024 bid-data tal-24 ta' Lulju 2024.**

Proponent

Sekondant

EMENDI/ ADDENDA

Għall-użu tal-Uffiċċju.

Data meta l-mozzjoni ġiet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv 27/8/2024.

# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 02/2024**

Data: l-Erbgha 24 ta' Lulju, 2024

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania DeGiovanni | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |

Skużat/i:

Assenti:

Gwenith Calleja Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**02.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**02.2 MINUTI**

Gwm

KUNSILL LOKALI FGURA

02.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

02.4 PURCHASE REQUEST FORMS

02.5 ĦLASIJIET

02.6 FINANZI

02.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

02.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

02.9 JUM IL-FGURA

02.10 KORRISPONDENZA

02.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

02.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

02.13 TRAFFIC MANAGEMENT

02.14 STAFF

02.15 MOZZJONIJIET

02.16 PLANNING AUTHORITY

02.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

02.18 MISTOQSIJIET

02.19 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-1800 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien prezenti.

## 02.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**02.1.1** Ma kienx hemm l-ebda talba ta' apologija.

## 02.2 MINUTI

**02.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6787/24/9** 'Sabiex jigu approvati l-minuti tal-laqgha b'urgenza 85/2024 bid-data 12 ta' Gunju 2024'. Anness dok A

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-minuti ghaddejew b'5 voti favur u b'4 voti assenti. Is-Sindku talab li jitnizlu l-ismijiet.

Favur – Sindku Clayton Cascun Portelli, Vici Sindku Darren Marmara, Kuns Ray Deguara, Kuns Mark Lombardo u Kuns Ryan Ellul.

Astejnew – Kuns Charles Bonello, Kuns Izak Catania De Giovanni, Kuns Josianne Scicluna u Kuns Adrian Tanti-.

**02.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6788/24/9** 'Sabiex jigu approvati l-minuti tal-laqgha 01/2024 bid-data tas-5 ta' Lulju 2024'. Anness Dok B

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara

**02.2.3**. Il-Kuns M Lombardo gibet l-attenzjoni sabiex tigi emendata d-data fil-punt **01.5** Aggornament fejn id-data trid taqra 24 ta' Lulju 2024 mhux 27 ta' Lulju 2024.

**02.2.4.** Il-Vici Sindku gibet l-attenzjoni sabiex issir adenda f'punt **01.3.4** u jizdiedu mal-kelmtejn tal-okkazzjoni bhal m'hemm miktub x'qal il-Minority Leader. Is-Sindku qabel li jsir dan. Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: **6789/24/9** 'Il-Vici Sindku rringrazzja lis-Sindku u awgura lil kunsilliera eletti ghall-hidma sfieqa lejn il-Fgura skond il-qafas tal-ligi.' (Anness Dok C).

Il-minuti inkluz il-korrezzjoni u l-addenda ghaddew b'8 voti favur u vot 1 astjena. Is-Sindku talab li jitnizlu l-ismijiet u l-kamra qablet li l-adenda tigi miktuba dak il-hin.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns A Tanti, Kuns J Scicluna u Kuns R Ellul.

Kontra – Vici Sindku Darren Marmara.

## 02.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**02.3.1** Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

## 02.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**02.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6790/24/9** 'Sabiex jigu approvati PRFPO ghal-laqgha tal-Kunsill ta' Lulju 2024 kif inhu anness'. Il-Vici Sindku saqsa ghaliex jinxtraw materjal ghall-haddiema tal-id minghand Vince Ironmonger meta fil-Fgura hemm 4 ohra minn fejn jinxtra l-materjal u dan isirx wara li jingabru quotes. Is-Sindku wiegeb li mhux prattiku tigbor quote ghall-pinzell ghax jinhela aktar hin. Id-diskusjoni kienet kif ghandhom jinxtraw l-affarijiet, fejn Il-Kuns R Deguara qal li l-hanut imsemmi, qieghed l-aktar vicin tal-Binja tal-Kunsill u jekk ser joqghodu iduru ser jinhela aktar hin, fuel u x-xogholijiet ser idumu aktar ma jsiru. Dan ifisser piz aktar fuq il-haddiema klerikali wkoll. Il-Kuns A Tanti qal li isir capping ta' ezempju mitt euro minghand hanut u malli tinlahhaq imorru ghand iehor. Il-Kuns M Lombardo qal li waqt li jabel li jistghu jinqasmu minn fejn jinxtara l-materjal, izda jekk ser joqghod jduru se jinhela aktar hin. Il-Kuns C Bonello qal li jekk ser nixtru bil-bulk ser ikun hemm bzonn store, storekeeper fejn dawn ifisru f'aktar spejjez. Il-Vici Sindku saqsa jekk il-haddiem ikunu fuq xoghol lejn Gallarija, ma jixtghux jixtru minn qrib. Il-Kuns C Bonello wiegeb li l-haddiema mill-Kunsill johorgu ghax-xogholijiet taghhom kif ukoll l-ghodda tinhareg mill-Kunsill u titiehed fuq il-post.

Il-Vici Sindku saqsa wkoll spjegazzjoni ta' kif inghazel Neriku Caterers minflok hadd iehor. Is-Sindku wiegeb li ngiebu 3 kwotazzjonijiet ghal dak li qed jirreferi l-Vici Sindku. Il-Vici Sindku saqsa wkoll ghaliex l-cake bl-iskritta 'Grazzi Sindku' li ngieb fl-okkazzjoni tal-ahhar laqgha tas-Sindu precedenti, intaghzel minghand Neriku meta Hu dahal fil-website u rah irhas. Il-Kuns C Bonello wiegeb li jekk dan hu l-kas li l-Vici Sindku qed jigbed l-attenzjoni fuq din is-sitwazzjoni li Neriku Caterers zamm gholha bhala prezz minn kif jidher fuq il-website, jista jigi deciz li lil Neriku jigi maqtuh mill-lista u ma nitolbux aktar kwotazzjonijiet. Il-Kuns M Lombardo qal li ma jistax isir dan ghax Neriku kien l-aktar vantagguz u kulhadd qallu kemm kien tajjeb l-ikel. Jekk jixtieq jista' jigbor il-kwotazzjonijiet kollha ta' kull okkazzjoni sabiex jara li minnu li qed jinghad li titiehed l-irhas kwotazzjoni.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'8 voti favur u astensjoni. Is-Sindku talab li jitnizlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns A Tanti, Kuns J Scicluna u Kuns R Ellul.

Astjena – Vici Sindku Darren Marmara.

## 02.5 ĦLASIJIET

**02.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6791/24/8** 'Sabiex jigu approvati lista tal-hlasijiet minn 12/06/2024 sa 17/07/2024 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'8 voti favur u astensjoni. Is-Sindku talab li jitnizzlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns A Tanti, Kuns J Scicluna u Kuns R Ellul.

Astjena – Vici Sindku Darren Marmara.

## 02.6 FINANZI

**02.6.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 02.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**02.7.1** Is-Sindku informa lil-Kamra bl-iskema SPI/SCI/05/2024 – Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 li giet accettata l-applikazzjoni. Bhala Kunsill din l-iskema giet applikata fuq Hamis ix-Xirka. Is-Sindku stieden lill-Kuns C Bonello sabiex jghid kelmtejn fuqha. Il-Kuns C Bonello stqarr li nghatajna grant ta'€ 20,000 u din l-għotja ser tghin sabiex inkunu f'pozizzjoni li nergu naghmlu edizzjoni oħra ta' livell kif sar fis-snin preċidenti.

**02.7.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6792/24/8** 'Sabiex b'referenza ghac-Cir AKL 2023/105 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Sahha 2024, dan il-kunsill izied il-hlas tal-polza ghat-3 eletti godda - Darren Marmara', Izak Catania De Giovanni u Josianne Scicluna ghas-somma ta' €82.50.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.7.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6793/24/8** 'Sabiex tigi mgedda l-Group Life Policy mill-1 ta' Awwissu 2024 sal-31 ta' Lulju 2025 ghall-membri kollha eletti ghal spiza ta' €585.00

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.7.4** Is-Sindku nforma lill-kamra bi skema tal-ikel tal-qtates, fejn wera l-apprezament li wahda mill-istaff attendiet ghal-laqgha dan minhabba l-Kunsillier responsabli ma setax imur. Is-Sindku informa li din l-iskelma hija ghall-ikel u neutering fejn is-Segretarju gibdet l-attenzjoni li hija ghal ikel biss. Il-mozzjoni ghaddija lill-Kuns Tanti fejn huwa qal li ma jistax jifhem li baghat 15-il email biex jinghata l-lista tal-Cat Feeders. Is-Sindku wiegeb li ilu tlett gimghat jipprova jikkuntatjah bit telephone u l-Kuns Tanti ma jwegibx. Il-Kuns Tanti wiegeb lis-Sindku li tezisti l-email u messu wiegeb l-email. Is-Sindku wiegeb li fit 8 ta' filghaxija l-Kuns A Tanti ma jkunx xoghol u setgha wiegbu. Il-list ilha ghand is-Sindku tlett gimghat fejn il-Kuns A Tanti kien mistieden ghal-laqgha mis-Segretarju Ezekuttiv u mis-Sindku fejn hu ma attendiex ghal-laqgha. Is-Sindku sahaq li l-mamma tal-lista trid tkun il-Kunsill u kull emenda li tista ssir hija biss billi tigi nfurmata s-Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju kkonfermat li l-lista ntbaghet lill-Kuns Tanti l-Hadd 21 ta' Lulju 2024. Il-Kuns A Tanti qal li terzi kellhom il-lista tal-cat feeders fejn is-Sindku wiegeb li mhux il-kas. Il-feeders gew il-Kunsill u mlew formla u ffirmaw izda l-Kuns Tanti qal li t-terzi qalulhom li jekk il-qtates mhux imsewwijien mhux ser jinghataw ikel. Qal ukoll li membru mill-istaff baghtithom ghand it-terzi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li l-lista ghandha u ghamiltha hi meta kienet ghaddiet mozzjoni ta' ghajnuna ta' ikel lil feeders mill-Kunsill precedenti. Dan minhabba li l-Kuns Tanti li kien responsabli wkoll fil-legislatura precedenti, ma kienx prezenti ghal-laqghat. Is-Segretarju kompliet,li stednitu kemm il-darba u qatt m'attenda. Il-Kuns A Tanti qal li jipretendi rispett dwar li gralu fil-legislatura precedenti. Is-Segretarju wiegbet li r-rispett ghandu jkun reciproku. Il-Vici Sindku qal jekk jistax jinghatalu mqar 3 ijiem sabiex izid xi feeders, fejn dan seta' jsir facilment peress li l-iskema taghlaq fil-31 ta' Lulju 2024. Wara din d-diskussjoni s-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6794/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika ghal Cat Feeders Scheme 2024 mahruga minn Animal Welfare, Ministeru ta' Agrikoltura, Sajd u Harsien tal-Animali.' Il-Kuns A Tanti ghadda 2 ismijiet izda kemm il-Kuns C Bonello kif ukoll is-Segretarju talbu li jghaddu by email kif ukoll biex jizdiedu jew jonqsu l-feeders m'hemmx bzonn jitellghu laqgha.

Din kienet sekondata mill-Kuns A tanti.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.7.5** Is-Sindku qara r-rezolozzjoni dwar il-ftuh u zamm tal-latrina fejn qamet diskuzzjoni. Il-Vici Sindku saqsa jekk inhargietx sejha ghal dan x-xoghol. Is-Sindku wiegeb li dan ma jaqbizx d-direct order. Il-Kuns J Scicluna xtaqet tkun taf fiex jikkonsisti dan ix-xoghol. Is-Sindku spjega li min jiehu hsieb irid jiftah u jaghlaq kuljum u jnaddaf il-latrina. Skond il-Kuns J Scicluna huwa prezz tajjeb li ntalab ghax ma tantx issib min jaghmlu. Il-Vici Sindku sahaq li ma jaqbliex biss mall-principju ghaliex ma hargu s-sejhiet u ma ghandux option lil min jaghzel. Il-Kuns R Ellul qal li din t-talba harget fi zmien il-legislatura l-ohra fejn issa biss qed jiggedded. Il-Kuns C Bonello qal li din kienet problema perpetwa li ghaddew minna fil-passat fejn jew kien hemm tender li kien jiswa xi 20k u ma kienx izomm mal-fthiem fejn il-latrina spiccat maghluqha. Il-Kuns C Bonello qal li jekk ma naccettawx din nispiccaw li nistghu nerghu tinghalaq il-latrina u ma jaqbilx ma dan. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6795/24/8** 'Rezoluzzjoni ghal mozzjoni ref : 6779/24/8 Sabiex l-agreement li sar mas-Sur Albano Grima rigward izzamma, l-ftuh u l-gheluq tal-lattrina Pubblika fi Pjazza Patri Redent Gauci, jigi mgedded mill- 1 Lulju 2024 sal-31 ta' Lulju 2025 (hin tas-sajf minn 7am sa 7pm u tax-xitwa minn 7am sa 5pm). Is-Sur Grima jikkonferma li ghadu nteressat

f'din il-materja, fejn talab li biex jibqa' jiehu hsieb l-indafa, l-ftuh u l-gheluq tal-lattria jkun hemm hlas ta' €420 kull xhar (Vat exempt).'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet bi 8 voti favur u 1 kontra.

Il-Vici Sindku ghamel u qara d-dikjarazjoni fejn qal 'Rigward il-mozzjoni 6779/24/8 niddikjara li gejt kostrett nivvota kontra minhabba li ma nghatax ic-cans lil *service providers* ohra li joffru l-istess servizz. Nemmen li l-Kunsill kellu jitlob quotes sabiex jaghti cans lil kull min hu nteressat li jippartecipa u l-Kunsilliera jserrhu rashom li ghandhom l-aktar offerta vantagjuza. Mill-bqija m'ghandiex problema mill-individwu msemmi.'

## 02.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**02.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 02.9 JUM IL-FGURA

**02.9.1** Is-Sindku stieden lil Kuns M Lombardo sabiex jaghmel l-intervent tieghu rigward dan is-suggett. Din is-sena Jum il-Fgura se jkun fis-27 ta' Ottubru 2024. Il-Kuns M Lombardo qal li s-Segretarju gibditlu l-attenzjoni sabiex jitnaqsu l-ispejjez. Din is-sena giet murija l-importanza li l-attivita` fl-iskola ssehh peress li dawn l-ahhar 7 snin kienet ta' success. Flimkien mall-Kuns I Catania DeGiovanni, saret laqgha kordjali maz-zghazagh li damet madwar saghtejn dwar l-attivita` maz-zghazagh tal-Youth Centre. Se jerga' jsir kuncert annwali ghat-tielet sena konsekuttiva fejn sar ftehiem li sena jsir mill-Kor Infahru lil Maria u sena jsir mill-Banda tal-Fgura, sabiex ma jkunx kull sena l-istess u n-nies ma tiddejaqx. Din is-sena ser mill-Kor Infahru lil Marija u ser isir fil-Knisja. Fost affarijiet ohrajn l-ispejjez jinkludu l-orkestra, is-sound, ir-recordings tad-diski, ir-recordings tat-TV, u d-dawl. Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6796/24/9** 'Sabiex isir il-kuncert annwali ta' Jum il-Fgura nhar il-Gimgha, 25 ta' Ottubru ghal spiza ta' mhux aktar minn €10,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.9.2** Il-Kuns M Lombardo qal li se jigi provdut programm dettaljat ta' x'attivitajiet se jsiru fil-gimgha bejn it-18 u s-27 ta' Ottubru ghal Jum il-Fgura. Il-Kuns M Lombardo ppropona li ghalkemm Jum il-Fgura huwa responsabbilta` tieghu u anke s-Sindku qal li l-Kunsilliera ahjar ma jidhlux fid-dekasteri ta' xulxin, il-Kuns M Lombardo stieden li, jekk hemm xi membru tal-Kunsill li jixtieq jaqsam xi attivita` fejn jidhol Jum il-Fgura, huwa mheggeg li jaghmel dan flimkien mieghu. Il-Kuns R Deguara, iffrefera ghall-harga li ser itella hu f'dik il-gimgha ta' Jum il-Fgura izda li ma ghandha x'taqsam xejn ma' Jum il-Fgura. Il-Kuns R Deguara ma jixtieqx li jaqsam l-

harga tieghu ma' dik ta' Jum il-Fgura. Wara diskussjoni, il-Kuns M Lombardo qal li fit-18 hemm l-attivita' taz-zaghzagh, fil-25 il-kuncert u attivitajiet ohra matul il-gimgha. Il-Kuns I Catania DeGiovanni qal li kien baghat lista lil-Kuns M Lombardo fejn l-Kuns I Catania Degiovanni talab li l-Kuns M Lombardo jghid li ghenu fl-attivitajiet ta' Jum il-Fgura. Il-Kuns A Tanti ssugerixxa li jinkiteb li ghamluha flimkien. Il-Kuns J Scicluna semmiet il-fatt li rceviet email minghand is-Sur Lombardo fejn intalbet jekk tixtieqx tigi mitkellma biex isiru attivitajiet flimkien. Il-Kuns J Scicluna wriet ix-xewqa li ghall-Jum il-Fgura tintaghzel mara u tigi premjata ghax xoghol li tkun ghamlet fil-Lokal. Is-Sindku wiegeb li din it-talba titressaq fis-Sotto Kunitat. Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6797/24/9** 'Sabiex isiru l-attivitajiet konnessi ma' Jum il-Fgura bejn it-18 u 27 ta' Ottubru 2024.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet bi 8 voti favur u vot kontra.

Favur – Is-Sindku, Vici Sindku, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns A Tanti, Kuns J Scicluna u Kuns R Ellul.

Kontra – Il-Kuns Ray Deguara.

**02.9.3** Is-Sindku informa l-kamra li jixtieq jghaddi mozzjoni ghal-Jum il-Fgura ref: **6798/24/9** 'Sabiex Gieh il-Fgura ghas-sena 2024 jinghata lis-Sur Pierre Dalli, ex-Sindku tal-Fgura, ghax-xoghol li wettaq kemm bhala Kunsillier, Vici Sindku, u ghal dawn l-ahhar seba' snin Sindku tal-Lokalita`.' Is-Sindku ghamilha cara li din n-nomina hi ghal Gieh il-Fgura. Nomini ghal Hajr jghaddu l-ismijiet lis-sotto kumitat sabiex ikun hemm trasparenza u li ser jitmexxa min nies minn barra l-Kunsill. Il-Vici Sindku saqsa jekk Gieh il-Fgura hux ser tkun prassi li jintaghzlu mill-Kunsilliera. Is-Sindku wiegeb fl-affermattiv.

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello u waqt din il-laqgha kienet issekkondata ukoll mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 02.10 KORRISPONDENZA

**02.10.1** Is-Sindku informa l-kamra li l-binja tal-Kunsill waslet ghall-Insurance u ngabru l-quotations. Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jispjega dwar din l-assikurazzjoni peress li hu kien jahdem f'dan il-qasam. Il-Kuns R Deguara informa l-kamra li din it-tip ta' insurance taghmilha biss il-Mapfre Middlesea plc peress li hija Public Liability. Il-Kusill baghat ghal kwotazzjonijiet minghand insurances ohra izda rrizultaw dan. Il-Kuns R Deguara stqarr li talab kwotazzjoni lill- Mediterranean Insurance Brokers (MIB) fejn dawn ghall-istess termini tal-insurance precedenti Melitaunipol Insurance Agency (MUIA), u li jaqaw taht Mapfre wkoll, ofrew tnaqqis fil-prezz ta' €184.49 fuq l-istess polza. Wara diskussjoni fejn il-Kuns R Deguara prova jfiehem f'termini prattiċi lil Vici Sindku u lill-kamra, il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni

ref: **6799/24/9** 'Sabiex tigi mgedda l-Insurance tal-Kunsill u bhala Agent neqilbu mal-MIB Mediterranean Insurance Brokers, dan ghaliex kienet l-iktar quote vantaggjuza.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.10.2**. Is-Sindku informa l-kamra bil-korrispondenza minghand is-Sur Conrad Thake fejn ferah lill-Kunsill ghall-hatra tal-Kunsill gdid, kif ukoll fakkar lill-Kunsill fit-talba li kienet saret ftit xhur ilu minnu u mill-President tal-Federazzjoni tac-Chess ta' Malta, is-Sur Duncan Vella, fir-rigward kommemarazzjoni xierqa ta' Harry Camilleri li kien il-figura principali tal-istorja tac-chess f'pajjizna. Jitlob sabiex wahda mit-toroq tal-Fgura tkun imsemmija ghalih. L-ittra giet mghoddija lis-Sur C Bonello sabiex jevalwa l-validita ta din it-talba sabiex il-Kunsill jiehu decizjoni fuq din il-proposta fil-laqghat li gejjin.

**02.10.3** Is-Sindku informa l-kamra bil-korrispondenza minghand il-Fgura United minhabba li dawn kienu gabu lill-AC Milan Club qabel l-elezzjojni, u kienu baghatu komunikazzjoni lis-Sindku precedenti, fejn dawn qed jergghu jressqu l-istess talba taghhom sabiex il-Kunsill jaghti l-assistenza tieghu ghal dawn l-attivitajiet li saru mal-AC Milan. Il-Kunsill ressaq mozzjoni ref: **6800/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqa' t-talba tal-Fgura United Football Club ghall-attivita` li kienet saret bejn it-8 u t-13 ta' Lulju 2024 fejn kien mistieden l-AC Milan Club ghall-attivitajiet varji mat-tfal tan-Nursery ghas-somma ta' mhux aktar minn €885'.

Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti .

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.10.4** Is-Sindku informa l-kamra bil-korrispondenza minghand **Livana Borg Falzon**, studenta bi prova, li din waslet fl-ahhar tal-kors taghha u tixtieq taghmel it-tezi taghha fuq koppji li ghandhom l-eta` u li spiccaw mill-imhabba taghhom, jew ghax gie nieqes xi hadd minnhom, biex tigi u tkompli bl-istudji taghha. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6801/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova lil Livana Borg Falzon tattendi d-Day Centre u tkun tista' tkompli l-istudji taghha billi intervista lill-anzjani li jaccettaw li jigu intervistati.'

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.10.5** Is-Sindku informa l-kamra li rcieva email minghand Rachelle Falzon, studenta li ghadha kif giet appuntata Health Nurse. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6802/24/9** 'Sabiex il-Kunsill japprova lil Rachelle Falzon sabiex taghmel health checks fil-binja tal-Kunsill fix-xhur li gejjin.'

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.10.6** Is-Sindku informa l-kamra li rcieva email rigward l-Arcades minħabba l-ħmieġ li huwa prezenti f'dawn l-Arcades. Wara diskussjoni l-Kuns I Catania Degiovanni ressaq mozzjoni ref: **6803/24/9** 'Sabiex il-Kunsill japprova camera illi taghti sigurta' fil-passagg tal-Arcades.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.10.8** Is-Sindku informa l-kamra dwar komunikazzjoni minghand is-Sur Carl Ciantar fejn dan wera x-xewqa li jsiru lasti ghall-5 a side tal-Futsal, kif ukoll biex fuq il-lasta tohrog ix-xibka tal-Basketball. Il-Kuns A Tanti qal li jixtieq isir sports iehor mhux football biss. Is-Sindku informa lill-kamra li dan ix-xoghol jista' jsir mill-haddiema tar-Regjun.

**02.10.9** Is-Sindku informa l-kamra li ltaqghet mieghu s-Sinjorina Barbara li qed tikkompeti ghal Miss Fgura, fejn din talbet l-ghajuna tal-Kunsill ghat-talba ta' €1,000.00, fil-forma ta' sponsorship mill-Kunsill Lokali fejn jidhol make-up, ecc. Il-Kunsill iddecieda li jikkomunika mas-Sinjorina Barbara b'risposta negattiva peress li l-Kunsill ma jistax jaghti donazzjonijiet.

## 02.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**02.11.1** Is-Sindku informa l-kamra li wara l-elezzjoni marru l-ACs tas-sala u tal-kcina. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6804/24/9** 'Sabiex jinbidlu l-ACs tal-Boardroom u l-kcina fil-binja tal-Kunsill ghall-ammont ta' mhux iktar minn €3,650'.

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.11.2** Is-Sindku informa l-kamra li hemm bzonn jinbidel l-AC fir-reception. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6805/24/9** 'Sabiex jinbidel l-AC fir-reception tal-binja tal-Kunsill ghall-ammont ta' mhux iktar minn €3,050'.

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns Ryan Ellul hareg mill-kamra minhabba konflitt ta' interess fit-20:00.

**02.11.3** Is-Sindku informa l-kamra li s-sena l-ohra kien hemm pothole fi Triq il-Foss. Ghaddiet persuna bil-mutur u ghamel hsara fi t-tyre ecc, u dan talab is-somma ta' €1,060. Il-Kunsill l-antik cahad din it-talba. Fuq insistenza tas-

sewwieq tal-mutur qed jigi mitlub li jinghata €700 tal-ispejjez. Il-Kunsill qabel li ma jaccettax din it-talba wara diskussjoni, li l-membri qalu li jista jsir abbuz u l-Kunsill ma jistax ikun ihallas ghal kull accident ta' dan it-tip.

Il-Kuns Ryan Ellul rega' dahal fil-kamra fi 20:10.

Il-Vici Sindku halla l-kamra fit-20.11.

F'20:11 is-Segretarju marret tiftah il-bieb principali sabiex johrog il-Vici Sindku peress li ghadu ma jafx kif.

F'20:13 is-Segretarju dahlet fil-kamra u kompliet il-laqgha.

## 02.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**02.12.1** Is-Sindku informa l-kamra li kienet saret pjanta ta' Vjal Kottoner biex tigi *central strip* minn fuq s'isfel. Stieden lill-Kuns Ryan Ellul sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Saru laqghat mal-Perit u ntlahaq ftehim li ssir bicca vojta bejn kull *central strip* sabiex ikunu jistghu jigu ddevjati l-karozzi f'kaz li jsehh xi accident. Se jsiru wkoll arbuxelli minflok sigar fuq din is-*central strip*. Fuq il-materja tas-*central strip*, il-Kuns Bonello qal li l-pozizzjoni tieghu tibqa' kontra b'mod partikolari minhabba l-vetturi tal-emergenza. Wara diskussjoni gie deciz li s-*central strip* ma ssirx. Il-Kuns Ryan Ellul ressaq mozzjoni ref:**6806/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jitkellem mal-Perit biex titnehha c-*central strip* fit-triq Vjal Kottoner u tigi emendata l-pjanta hawn annessa. Dan qed isir minhabba vetturi tal-emergenza.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Is-Sindku gibed l-attenzjoni li qed itawlu hafna l-laqgha. Dawn il-laqghat ghadhom ikunu aktar fil-qosor.

**02.12.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6807/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill ihallas is-somma ta' €7,589.80 lil kuntrattur sabiex saru mill-gdid servizzi ta' trenching, pipe laying u accessorji mill-WSC LA DO 733/23 fi Triq il-Pitiross Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.12.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6808/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill ihallas is-somma ta' €5,545.39 lil kuntrattur sabiex saru mill-gdid servizzi ta' trenching,

pipe laying u accessorji mill-WSC LA DO 577/24 fi Triq l-Ghasfur tal-Bejt Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 02.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**02.13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6809/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-pjanti annessi tat-Traffic Management fit-toroq li gejjin - Triq Velleran sa Triq Falkunier Two Way, Triq Velleran One Way direzzjoni lejn Triq l-Gharnuq u Triq ir-Rghajja One way direzzjoni lejn Triq il-Falkunier.'

Din kienet sekondata mill-Kuns Dott R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.13.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6810/24/9'**Sabiex dan il-Kunsill japprova l-pjanti annessi ghal-Traffic Management fit-toroq ta' Triq il-Merhba, Triq Grawwa, Triq Sant'Elija, Triq Louis Schickluna, Triq l-Iskola u Triq il-Klerku. Dan it-Traffic Management ghandu jitpogga fuq prova ghall-perjodu ta' mhux aktar minn 6 xhur.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.13.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6811/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova Triq il-Ward tax-Xemx tigi One Way direzzjoni lejn AM Valperga sa Censu Busuttil.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.13.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6812/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-parti z-zghira ta' Triq Ward tax-Xemx li tinsab bejn Censu Busuttil u AM Valperga tigi two way.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.13.5** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6813/24/9**'Sabiex Pjazza Patri Redent Gauci issir one way bejn Triq it-Teknologija Moderna u Triq Mater Boni Consigli f'din id-direzzjoni lejn MBC.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 02.14 STAFF

**02.14.1** Peress li l-Vici Sindku kien nieqes mill-kamra, is-Sindku addotta u ressaq mozzjoni ref: **6814/24/9** 'Sabiex tintlaqa' t-talba tas-Sur Sciberras biex jaghmel 20 siegha bhala student ghal placement fi hdan il-Kunsill Lokali l-Fgura ghall-progett li ghandu tas-System of Knowledge, l-MCAST.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.14.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6815/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jiftah is-sejha ghal Assistant Principal fi Skala 11 fuq bazi full-time.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.14.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6816/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jiftah is-sejha ghal Skrivan fi Skala 15 fuq bazi full-time.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.14.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6817/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova li Skrivan fi Skala 15 jitla' minn Notch 3 ghal Notch 4 peress li ghal qis-sena fil-hidma tieghu fil-Kunsill.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 02.15 MOZZJONIJIET

**02.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward

## 02.16 PLANNING AUTHORITY

**02.16.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 02.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**02.17.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **6818/24/9** 'Sabiex issir harga nhar il-Erbgha 23 ta' Ottubru 2024 (fil-gimgha ta' Jum il-Fgura) ghas-somma ta' mhux aktar minn elf euro (€1,000).

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.2** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref :**6819/24/9** 'Sabiex issir harga bit-tema tal-Milied f'Ghawdex nhar it-13 ta' Dicembru 2024 (jkun il-Gimgha - Festa Pubblika) 13/12/2024 ghas-somma ta' mhux aktar minn elf u hames mija (€1,500).'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.3** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **6820/24/9** 'Sabiex isir Party tal-Milied 2024 ghall-anzjani tal-Fgura nhar it-Tlieta 17 ta' Dicembru 2024 bhala parti mid-Day Centre, jistghu jattendu r-residenti anzjani tal-Fgura. Dan ghas-somma ta' mhux aktar minn erba t'elef disa mija u disa u disghin (€4,999).'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6821/24/9** 'Sabiex jinxtraw zewg fran tal-eletriku u tall unit ghalihom biex jintuzaw ghal waqt id-Day Centre u attivitajiet ohra. Ghas-somma ta' mhux aktar minn €1,100 (elf u mitt euro).

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.5** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Huwa qajjem il-punt li hawn problema ta' nuqqas ta' spazju fejn jiltaqghu t-tfal iz-zghar kull nhar ta' Tlieta

meta l-klassi tkun qed tintuza. Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6822/24/9** 'Sabiex jinxtraw kotba ghal-Librerija Pubblika, skond l-iskeda annessa, ghal spiza ta' mhux aktar minn €70.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.6** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6823/24/9** 'Sabiex jinxtraw kotba ghal-Librerija Pubblika, skond il-lista annessa, ghal valur ta' mhux aktar minn €25.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.7** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6824/24/9** 'Sabiex napplikaw biex studenti mill-Fgura jippartecipaw fil-Junior Science Lab, skond ic-cirkolari annessa.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.8** Is-Sindku stieden lill-Kuns C Bonello sabiex jaghmel l-intervent tieghu.

Il-Kun C Bonello ressaq ir-rapport anness u gie aprovat.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjon ref: **6825/24/9** 'Mozzjoni sabiex jinxtraw sett ta' 3 Bnadar (Malta/Europa/Kunsill) ghall-Ufficju tal-Kunsill Lokali ghas-somma ta' mhux aktar minn €250.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.9** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjon ref: **6826/24/9** 'Sabiex issir Edizzjoni Hiliet Fgurin 5 bl-inawgurazzjoni ssir lejn il-bidu ta' Ottubru 2024 ghal spiza ta' mhux aktar minn €3,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.10** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjon ref: **6827/24/9** 'Sabiex issir Attivita Ambjentali ghat-tfal ta' Milied Riciklabbli ghal spiza ta' mhux aktar minn €500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.11** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjon ref: **6828/24/9** 'Sabiex issir Attivita Annwali Pjazza fil-Milied fid-dati 13 u 14 ta' Diċembru 2024 bil-possibilta li nestendu ghall-15 ta' Diċembru 2024 ukoll. Spiza inizjali ta' €2,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.12** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjon ref: **6829/24/9** 'Sabiex fi zmien il-Milied tigi organizzata Wirja fil-bini tal-Ufficcju tal-Kunsill Lokali.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.13** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjon ref: **6830/24/9** 'Sabiex tinxtara pot apposta ghas-Sigra tal-Bonsai (Zebbug) kif ukoll isir pavimentar fejn ser toqghod il-pot. Barra dan ser jithawwlu palm u sigar ohrajn sabiex inkomplu nsebbhu z-zona u jkollna progett komplut. Dan ghas-somma ta' €2,500 + Vat.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.14** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjon ref: **6831/24/9** 'Sabiex il-Kunsill Lokali jesplora l-possibilta sabiex isir gemellagg ma' Kunsill Ghawdxi'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.15** Is-Sindku stieden lill-Kuns A Tanti sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Il-Kuns A Tanti ressaq mozzjoni ref: **6832/24/9** 'Mozzjoni sabiex jerga jigi organizzat kors ta' taghlim tar-rota. Dan ikun bla hlas ghar-residenti tal-Fgura. Kors jinkludi - teknika sabiex titghallem issuq ir-rota u parti ghal fitness. Instructor kwalifikat, taghlim tas-sewqan tar-roti u fitness marketing, social media. Door to door leaflet. Jinghataw certifikati ghal min jikkonkludi kors b'success.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.16** Il-Kuns A Tanti ressaq mozzjoni ref: **6833/24/9** Mozzjoni sabiex tigi organizzata attivita 'Tberik tal-Annimali fil-Fgura'. Data tigi mhabbra aktar tard. Kull partecipant ikun inkluz fi ktieb li jinghata bhala tifkira f'xi attivita tal-Kunsill fil-futur.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**02.17.17** Is-Sindku stieden lill-Kuns I Catania DeGiovanni sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Il-Kuns I Catania DeGiovanni qal li jixtieq li jigu iz-zaghzagh tal-Youth Centre sabiex jaraw il-laqgha kif tkun u ressaq mozzjoni ref: **6834/24/9** 'Sabiex Mozzjoni sabiex fil-laqgha ta' Novembru jigu tal-Youth Centre sabiex jkollhom idea ta' kif jahdem u jkun hemm xi tip ta' tour.'

Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.18** Is-Sindku stieden lill-Kuns Sa J Sicluna sabiex taghmel l-intervent taghha. Il-Kuns J Scicluna resqet mozzjoni ref: **6835/24/9** 'Attivita harga Ghawdex 8 ta' Awissu 2024. Nixtieq naghmel din l-attivita sabiex niehdu nies juzaw servizz ta' Fast Ferry ghal Ghawdex, nemmen li din il-harga hija talba ghal Kunsill taghna u nies kif ukoll bhala persuna inkarigata mid-dekasteru ta' transport Pubbliku u nisa fis-Socjeta'. Ghal din il-harga qedgha nitlob sa massimu ta' €1,000. Dan biex noffru transport lejn l-ferry u lura fl-Fgura skond mill-biljett.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.19** Kuns J Scicluna resqet mozzjoni ref: **6836/24/9** 'Harga f'Settembru Imdina filghaxija, mhux aktar minn €800.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.20** Kuns J Scicluna resqet mozzjoni ref: **6837/24/9** 'Attivitajiet laqghat nisa fis-socjeta'; Laqgha 25 ta' Lulju spiza xejn, laqgha 30 ta' Awwissu spiza sa €100, laqgha 27 ta' Settembru spiza sa €100.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.21** Kuns J Scicluna resqet mozzjoni ref: **6838/24/9** 'Proposta sabiex naghmlu laqgha ma' Transport Malta u nitolbu li jkollna karozzi tal-linja ghalina l-Fgurin b'numru gdid li tibda mill-Fgura. Specjalment fil-hinijiet peak hours dan ghaliex tkellmu maghna hafna residenti Fgurin li qeghdin jibqghu fuq stages ghaliex il-karozzi jghaddu mimlija.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.22** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Ellul sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: **6839/24/9** 'Sabiex isiru tabelli fi Triq Romano Carapecchia jindikaw li l-vetturi ghandhom jipparkjaw bl-exhaust pipe l-barra.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.23** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: **6840/24/9** 'Sabiex issir sleeping police fi Triq il-Gardjola ma Triq Romano Carapecchia u fi Triq B. Lanci ma Triq Romano Carapecchia.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**02.17.24** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6841/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-membri tas-Sotto Kumitati - Finanzi, Interviewing Board, Tender Adjudication Board, Kumitat Onorificenzi, Kumitat Traffic Management, Kumitat Residential Scheme u Bye-Laws ghall-Legislatura 2024-2029 skond il-lista annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 02.18 MISTOQSIJIET

**02.18.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 02.19 AĠĠORNAMENT

# KUNSILL LOKALI FGURA

**02.19.1** Il-laqgħa ntemmet fid-2100hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Awwissu, 2024 fis-18:00hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data:24 ta' Lulju, 2024